# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar  ill-Hamis 24 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 12**

**Rikors Numru : 74/2012/1/JPG**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**VS**

**Godwin Mifsud (ID Nru. 830857M) u martu Maria Mifsud nee' Zammit (ID Nru 534257M), u Mario Mizzi (ID Nru 301758M) u martu Grace Mizzi (ID Nru 712657M)**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors mressaq fit-23 ta'Jannar  2012, li jaqra hekk:

1. *Premess li skond ma jirrizulta minn kuntratt ta' bejgh u traferiment ta' art fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, in data tat-13 ta'Settembru 1995  (Dok. A), il-komparenti Godwin Mifsud u martu Maria Mifsud nee Zammit bieghu u ttrasferew lill-komparenti kompraturi Mario u Grace , konjugi Mizzi, porzjon diviza ta' art maghrufa bhala "Taz-*

*Zabija", li tinsab fil-kontrada ta' Wied Xkora, limiti tas-Siggiewi, tal-kejl ta'hmistax –il elf, seba' mija u sitta u hamsin metri kwadri (15,756m$^2$) u dekritta bhala li hija konfinanti mill-Lvant ma' Wied Xkora, min-nofsinhar ma' beni ta'Francis Baldacchino u mill-Punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta "jew irjieh verjuri" u suggett ghac-cens annwu u perpetwu kif indikat fl-imsemmi att;*

2. *U premess illi effettivament l-imsemmija art hekk mibjugha u trasferita kienet u baqghet dejjem tappartjeni lill-Gvern ta' Malta kif dana hu rapprezentat mill-Kummissarju tal-Artijiet u kwindi qatt ma setghet tigi hekk mibghuta u trasferita kif indikat supra, u konsegwentament l-att notarili relattiv huwa wiehed null fil-konfront ta' l-attur ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

3. *U premess li wara li l-attur interpella ripetutament, anke gudizzjarjament, lill-komparenti konvenuti sabiex jirrexxindu l-kuntratt in kwistjoni u jirrilaxxjaw l-imsemmija porzjon art favur l-attur bhala s-sid veru u proprju ta' din il-proprjeta' l-istess konvenuti mhux biss baqghu inadempjenti imma ivvantaw pretensjoni li l-proprjeta' ma kienitx tappartjeni lill-Gvern ta' Malta, meta l-fatti juru mod iehor, kif ser jigi ppruvat:*

*Jghidu ghalhekk il-konvneuti, jew min minnhom, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti , prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni ohra opportuna:*

1. *Tiddikjara jekk hemm bzonn li l-porzjon diviza ta' art maghrufa bhala "Ta' Zabija", fil-kuntrada ta' Wied Xkora, limiti tas-Siggiewi, tal-kejl ta' hmistax-il elf , seba' mija u sitta u hamsin metri kwadri (15,756m$^2$) hija proprjeta' tal-Gvern ta' Malta;*

2. *Tiddikjara konsegwentement, in-nullita' tal-kuntratt ta' bejgh u trasferiment fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, maghmul in datat tat-13 ta' Settembru 1995 (Dok. "A") bejn il-konvenuti;*

3. *Tordna r-rexissjoni tal-imsemmi att u publikazzjoni ta' l-att ta' rexissjoni opportun;*

4. *Tinnomina nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-art ta' rexissjoni, flimkien ma' kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq dan l-att u dan a spejjez tal-konvenuti in solidum;*

5. *Tiffissa jum, hin u lok ghal fini min minnhom biex immedjamtament jizgumbraw mill-istess porzjon art u jirrilaxxjawha liberament favur l-attur;*

*Bl-ispejjez ta' din il-procedura komprizi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali spedita fl-24 ta' Settembru 2009 (Dok. "B").*

*B'rizerva espressa ta' kull azzjoni ta' danni prezentati u futuri spettanti lill-atturi skond il-ligi.*

Rat id-digriet ta'din il-Qorti kif diversament preseduta fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

Rat-ir-risposta ta' Godwin Mifsud, Maria Mifsud, Mario Mizzi, Grace Mizzi tat-28 ta'Gunju 2012 (a fol. 22 et seq.) li taqra hekk:

1. *IIli fl-evvwel lok it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai terminu tal-artiklu 2140 tal-Kap 16.*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti ma ghadhomx ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet ma ghadhomx jigi indirizzati li r-rikorrenti.*

3. *Illi fit-tielet lok ghandhom jigi kkjamati in kawza dawk il-persuni li kienu sidien tal-fond in kwistjoni xi mument jew iehor.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza peress li ghandu jirrizulta illi t-titlu tal-art in kwistjoni hija wahda tajba u legali."*

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2013 fejn Dr. Martin Fenech u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall konvenuti informaw lil Qorti li huma ser jitolbu lil Qorti  taghmel referenza lil-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ai termini tal-Artikolu 6 u Aritikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li fis-sens illi l-Arikoli tal-Kodici Civili dwar il-Preskrizzjoni jistghu jippregudikaw id-drittijiet fundamentali tal-intimati (a fol. 53);

Rat ir-rikors ta' Godwin Mifsud tal-11 t'April 2014 (a fol. 60 et seq.) li jaqra hekk:

1. *“Illi l- esponenti jhoss li qieghed jsir diskriminzzjoni fil-konfront tieghu peress illi l-Artiklu 2115(2) tal- Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta, li ma jippermettiex li tigi applikata l- eccezzjoni tal- preskrizzjoni f’azzjonijiet jew jeddijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta;*

2. *Illi filwaqt li l-Artiklu 2143 tal- Kap 16 tal- ligijiet ta' Malta jaghti d- dritt ta' preskrizzjoni ta' tletin sena lill azzjonijiet kollha, dan l-Artikolu ma japplikax kontra l-Gvern ta' Malta;*

3. *Illi b'hekk hemm diskriminazzjoni li qieghda tippregudika l- posizzjoni tal-esponent peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi applikata kontra l- Gvern bl-istess mod li tigi applikata kontra kull persuna, Istitut, jew korp morali bla distinzjoni;*

4. *Illi n-nuqqas ta' opportunita' illi jressaq eccezzjoni trentennali tista' ukoll, fic-cirkustanzi partikolari tal kaz odjern, tilledi fuq id-drittijiet tar-rikorenti, ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll Artiklu 1 tal Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

5. *Illi l-Artiklu 45 tal-Kostituzjoni ta' Malta jghid li m'ghandu jkun hemm l- ebda ligi li taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha;*

6. *Illi inoltre, l-Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaghti dritt ta' azzjoni lil kull persuna biex ligi tigi ddikjaratha invalida minghajr il-htiega li persuna juri interess personali;*

7. *Illi l-Artiklu 14 tal Konvenzjoni tal-Ewropeja kif ukoll l-Artiklu 1 tal- Protokol 12 jghidu li d-diskiminazzjoni kontra l-individwu huwa ksur ta'dritt fundamentali tal-bniedem ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir- rispett lill din l- Onorabbli Qorti sabiex.*

1. *Tissoprasjedi din il-kawza sakemm jigi deciz dan ir- rikors;*

2. *Taghmel referenza l-Qorti Kostituzzjonali jew altrimenti tiddeciedi dan ir-rikors li huwa ta' materja kostituzzjonali;*

3. *Eventwalment tadotta kull decizjoni li tigi deciza mill-Onorabbli Qorti fil- kompetenza taghha kostituzzjonali.”*

Rat id-digriet taghha tal-15 t’April 2014 (a fol. 62);

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet tat-2 ta’ Mejju 2014 (a fol. 64 et seq.) li taqra hekk:

*“In ottemperanza mad-digriet tal-15 ta' April 2014 il-Kummissarju ta' l-Artijiet qieghed jipprezenta r-risposta tieghu u li permezz taghha* ***qieghed jopponi ghat-talba ghal riferenza*** *kostituzzjonali peress illi din it-talba hija wahda frivola u vessatorja intavolata biss sabiex ittawwal inutilment dawn il-proceduri u dan ghas segwenti ragunijiet:*

1. *Il-principji enunzjati fl-artikoli 2115(2) u 2143 tal-Kap . 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma principji di ordine pubblico immirati ghall-ahjar amministrazzjoni tal-proprjeta' inkluz il-proprjeta' pubblika. Dan il-fatt ma ghandu qatt jintuza bhala tarka sabiex ir-rikorrenti li qed jokkupaw art illegalment minghajr titolu jinghataw xi vantagg jew premju ghall-illegalita' taghhom. Inoltre ma hemm ebda diskriminazzjoni stante illi r-rikorrent qieghed malizzjozament ihawwad l- istitut tal-preskrizzjoni akkwizittiva ma' l-istitut tal-preskrizzjoni estintiva, zewg istituti separati u distinti. Inoltre l-fatt illi r-rikorrent kontra l-Istat ta' Malta ma jistghax jippretendi illi jecepixxi l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali ossia li jippretendi li jsir is-sid ta' art li huwa illegalment okkupa ma tista qatt treggi. Dawn il-mizuri huma ekwi u gusti u qeghdin hemm sabiex jittitulaw l-interessi tac-cittadini u residenti Maltin minn approprjiazzjoni illegali ta' art minn individwi bhar-rikorrenti li minghajr titolu okkupa art ta' l-Istat Malti. Isegwi ghalhekk li qatt ma jista' jkun hemm lanjanza ta' natura kostituzzjonali kif dedotta mir-rikorrenti peress illi icto oculi jirrizulta illi effettivament dak allegat mir-rikorrent ma ghandu ebda bazi legali u huwa tentattiv sabiex itawwal il-proceduri*

2. *Ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-jedd ta' proprjeta' ladarba huwa ma huwiex is- sid jew it-titolari tal-art inkwistjoni. Ovvjament huwa proprjetarju biss li jista' jinvoka ksur ta' dan il-jedd.*

3. *Ankorke ghall-gieh tal-argument jigi accettat li r-rikorrent ghandu titolu fuq l- art, huwa assolutament fl-interess pubbliku li l-legislatur jipprotegi proprjeta' tal-Gvern minn “squatters”. L-artikolu 2l 15 gej mid-dritt Ruman , precizament fl-Istituzzjonijiet, Liber II. Titolu VI, para. 9, li trid li, ‘'Res Fisci Nostri Usucapi Non Potest". Sinjifikanti li jigi enfasizzat,li dan il-principju gie applikat ukoll waqt id-Dominazzjoni Ingliza. Tabilhaqq, il-gvernatur, Sir Thomas Maitland, biex jassikura l-pertinenzi tal-Kuruna, ghan-nom tal-Maesta’ Tieghu r-Re, kien hareg il-Proklama Nru I tal-10 ta'Frar 1815 u dik Nru IV tas-27 ta'Marzu 1824, fejn intqal li, 'nessun termine di prescrizione puo’ applicarsi alle pertinenze*

*della corona in queste isole'. Aktar tard dawn il-proklami gew ikkonfermati in segwitu fl-Artikolu 1879 tal-Ordinanza VII tal-1868 u llum fl-artikolu 2115 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Fl-ahharnett ir-rikorrent huwa fieragh meta jinvoka d-diskriminazzjoni ghaliex fl-ewwel lok huwa bhala parti privata ma jistax ixebbah lilu mal-Gvern li jirraprezenta l-poplu Malti kollu u fit-tieni lok kull min qieghed fis-sitwazzjoni tar-rikorrent jigi trattat l-istess - jigifieri m'ghandu l-ebda jedd fuq proprjeta' tal-Gvern."*

Rat in-nota tal-intimati Mario u Grace konjugi Mizzi tat-12 ta' Mejju 2014 li permezz taghha ma opponux ghat-talba tal-ko-intimat Godwin Mifsud fir-rikors tal-11 t'April 2014 (a fol. 66);

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-25 ta'Gunju 2014 (a fol. 70 et seq.) ghar-rikors ta' Godwin Mifsud li taqra hekk:

*"Illi din it-twegiba qed tiddahhal wara li l-Avukat Generali gie notifikat bir-rikors fit-18 ta' Gunju 2014;*

*Illi l-esponent Avukat Generali ihoss li l-kwistjoni kostituzzjonali li qed jipprova jqanqal ir-rikorrent hija wahda semplicement fiergha u vessatorja u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqa' l-istedina tal-istess rikorrent biex hija tikkonverti ruhha f'Qorti b'kompetenza kostituzzjonali. Dan qieghed jigi mtenni fuq is-sahha far-ragunijiet li gejjin: -*

***Intempestivita' tat-tqanqila kostituzzjonali***

*i L-esponent ihoss li l-kwistjoni kostituzzjonali mqajma mir-rikorrent f'dan l-istadju dwar is-siwi kostituzzjonali / konvenzjonali tal-**artikolu 2115(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta** hija ghal kollox prematura minhabba l-fatt li sa issa r-rikorrent ma werietx, li huwa ilu jokkupa l-art mertu ta' din il-kawza ghal aktar minn tletin sena b'mod kontinwu, pacifiku (fis-sens li ma jidherx li kien originat minn attijiet ta' vjolenza u lanqas klandestin), univoku u 'animo domini';*

***Dwar l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Matta u l-artikotu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea',***

*i. **L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma jistax jigi invokat mir-rikorrent ghaliex il-ligi li huwa qed jittanta jattakka tmiss mal-approprijazzjoni ta' fondi pubblici. F'dan is-sens **l-artikolu 45***

*(4) (a)* ***tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *jiddisponi li dan l-artikolu ma jghoddx kontra ligijiet li jipprovdu ghall-approprjazzjoni ta' dhul pubbliku jew fondi pubblici ohra. Tabihaqq l-***artikolu 2115(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *li r-rikorrent qieghed jipprova jwaqqa' jolqot il-preskrizzjoni kontra l-Gvern. Issa kif tajjeb inghad fis-sentenza* **Onor. Edgar Cuschieri nomine et vs. Lorenzo Baldacchino** *maqtugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 1951, din id-dispozizzjoni tal-ligi ghandha l-gheruq taghha fil-ligi Rumana fejn tenuncja li,*
*res fisci nostri usucapi non potest i.e. hwejjeg tal-Gvern ma humiex suggetti ghall-preskrizzjoni. Ghalhekk galadarba l-artikolu tal-ligi li qed jigi ccensurat mir-rikorrent imiss specifikament ma' fondi pubblici allura dan ifisser li dan l- artikolu huwa ezentat u ma jistax jigi misharreg mil-lenti tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ;*

*ii. Ukoll l-***artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** *mhuwiex applikabbli minhabba li l-imgieba diskriminatorja mixlija mir-rikorrent ma gietx inkwadrata taht wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li ghalihom jirreferi* **l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni.** *Tabilhaqq, ir-raguni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-jedd fundamentali trid tabilfors taqa' taht wahda mir-ragunijiet imsemmija f'dan is-subartikolu (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sedd Kostitizzjonali) tad-19 ta'Mejju 2011 fl-ismijiet* **Ivan Vella vs. Avukat Generali et** *ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2011). Appuntu fil-kwistjoni kostituzzjonali li ghandna quddiemna, ir-rikorrent ma rabatx l-allegat ilment tieghu ta' diskriminazzjoni ma' xi wiehed mill-motivi li nsibu tassattivament imsemmija fl-***artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni** *u cjoe razza, post ta' origini, fehmiet politici, kulur, fidi, sess jew orjentament sesswali. Ghalhekk dan in-nuqqas ghandu jwassal ghac-cahda tat-talba tar-rikorrent;*

*iii.Min-naha l-ohra fil-kaz tal-***artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** *biex dan ikun jista' jigi invokat jehtieg li jkun abbinat ma' jedd fondamentali iehor li huwa protett mill-Konvenzjoni ghalkemm mhux necessarjament irid ikun hemm attwalment sejbien ta' lezjoni f'xi wiehed minn dawn l-istess jeddijiet abbinati (ara* **Lawrence Borg pro et noe vs. Avukat Generali,** *Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Mejju 2010 u Q.E.D.B. fil-kawza fl-ismijiet* **Cabales and Balkandali vs. lr-Renju Unit** *(1985)). Ghal darb' ohra r-rikorrent ma rabatx dan l-ilment tad-diskriminazzjoni ma' xi dritt sostantiv iehor li jinsab protett fil-* **Konvenzjoni Ewropea**. *Ghalhekk stricto jure minhabba dan il-fattur wahdu, it-tqanqila konvenzjonali tar-rikorrent abbazi tal-***artikolu 14** *ma tistax tigi kkunsiderata;*

*iv Maghdud ma' dan, hemm element iehor li ma jinsabx sodisfatt mir-rikorrent biex fkun jista' jigi fis-sehh il-provvediment dispost fl-***artikolu 14**. *F'dan il-kwadru, ghandu jinghad li skont dan l-***artikolu 14**, *it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-***Konvenzjoni** *ghandha tigi*

*assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra. origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeti, twelid jew status iehor.*

*Anke hawn ma giet atlegata ebda diskriminazzjoni ghal xi raguni ta'status kif mitlub, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni**. Kif intqal fis-sentenza, **Enrietta Bianchi et vs. Avukat Generali et,** mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju 2011, "mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' status iehor (Ara Kaz **Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz **Carson u Ohrajn v. UK** § 61 , ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010)". Anke minn din il-perspettiva, ma giex muri mir-rikorrent li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawzali ta' status, inkwantu karattestika personali tar-rikorrent. Ghalhekk galadarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent ma huwiex xprunat fuq l-ebda wiehed mill-kawzali li jinsab protett mill-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni**, isegwi li anke minn dan l-aspett, l-istharrig kostituzzjonali mitlub mir-rikorrent ma jistax jigi milqugh;*

*v Minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, safejn ghandu x'jaqsam mas-sustanza tal-ilment tar-rikorrent, l-esponent jaqbel ghal kollox ma' dak imtenni mill-Kummissarju tal-Artijiet fir-raba' paragrafu tat-twegiba tieghu. Tassew ir-rikorrent ma jistax iqabbel jew ixebbah lilu nnifsu mal-Gvern ta' Malta. L-interessi, il-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet tar-rikorrent mhumiex komparabbli ma' dawk tal-Gvern ta' Malta li jirrapprezenta l-poplu Malti kollu. Fi kliem iehor ir-rikorrent ma jistax jitfa' lilu nnifsu fl-istess keffa mal-Gvern ta' Malta, ghaliex dawn ma jaqghux taht l-istess kategorija ta' persuni. Ir-rikorrent ma jistax jilmenta fuq il-fatt li l-preskrizzjoni akwizittiva (usucapionem) ma tistax tigi mqajma kontra l-Gvern ta' Malta, ghaliex huwa taht l-ebda immaginazzjoni fertili ma jista' jigi ekwiparat fuq il-livell ta' Gvern ta' pajjiz;*

*vi Fuq kollox imbaghad, kull min huwa fl-istess pozizzjoni tar-rikorrent, cjoe li uzurpa u hataf art pubblika minghajr permess, ma jistax jinvoka l-preskrizzjoni kontra l-Gvern. Ghalhekk minn dan il-profil ir-rikorrent ma jistax serjament isostni li huwa qed jigi diskriminat;*

*vii Jigi b'hekk li t-tqanqila kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent fuq l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** hija minghajr ebda fondament guridiku;*

***Dwar l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea***

*i. Safejn l-ilment tar-rikorrent jolqot **l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, dan huwa ghal kollox fieragh u improponibbli ghaliex skont l-artikolu 37(2)(j) tal-Kostituzzjoni, ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta bhala konswegenza ta' xi ligi dwar il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet, preskrizzjoni akkwizittiva u art abbandunata kompetenti lill-Gvern ta' Malta. Ghalhekk l-**artikolu 2115 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jistax jigi skrutinizzat abbazi tal-**artikolu 37 tal -Kostituzzjoni** ;*

*ii.B'zieda ma' dan, **l-artikolu 2115 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jinsab protett u mhares ukoll bl-**artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, "Ebda haga fl-artikolu 37 ta'din il-Kostituzzjoni **ma  ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962** jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li, minn zmien ghal zmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...". F'dan il-kaz l-**artikolu 2115 (2)** ilu vigenti fil-ligi taghna ferm qabel l-1962 u ghalhekk ma jinsabx milqut bl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**;*

*iii Fi kwalsiasi kaz, ebda ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** ma jista' jigi misjub hawnhekk, minhabba li fic-cirkostanzi fattwali ta' dan il-kaz il-Gvern ta'Malta ma ha l-ebda proprjeta' b'mod obbligatorju jew forzuz minghand ir-rikorrent. Fis-sewwa huwa r-rikorrent li qieghed jipprova jahtaf proprjeta minn taht idejn il-poplu Malti. Ghalhekk thares minn fejn thares l-ilment tar-rikorrent ma huwiex kopert fil-parametri tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u konsegwentement ma hemmx il-htiega li jigi indirizzat;*

*iv Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq **l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, ghandu jinghad li l-ezami tal-jedd tal-proprjeta huwa preordinat ghas-sejbien ta' ndhil fid-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta ta' persuna u li dan l-indhil ikun jikkostitwixxi privazzjoni tal-proprjeta . Fil-kaz tallum dan l-artikolu protokollari tal-Konvenzjoni ma jsib l-ebda applikazzjoni minhabba li l-Gvern ma ha l-ebda proprjeta la formalment u lanqas de facto minghand ir-rikorrent. Bil-kontra kulma qieghed jaghmel il-Gvern huwa li qieghed jiehu dawk il-passi mehtiega biex jiehu lura l-art li hija tieghu bi dritt;*

*v Ir-rikorrent ma jgawdi minn ebda jedd ta' proprjeta fuq l-art inkwistjoni ghaliex l-imsemmija art*

*hija tal-Gvern u mhux tar-rikorrent. Tabilhaqq galadarba r- rikorrent m'ghandu l-ebda titolu validu fuq l-art inkwistjoni, huwa naturali li huwa ma jista' jinvoka l-ebda jedd ta' proprjeta';*

*vi Ta' min izid li l-protezzjoni ta' dan l-artikolu protokollari tapplika biss f'kaz li wiehed jista "lay a claim to the property concerned". Fi kliem iehor, irid jigi muri mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita "property rights"* **Zwierzynski vs. il-Polonja** *tad-19 ta' Gunju, 2001. Kemm hu hekk, sabiex wiehed ikun jista' jitlob u jinvoka l-protezzjoni taht dan l-artikolu, wiehed irid ikollu forma ta' dritt li qed igawdi li, skont il- Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "property right' -* ***S vs. lr-Renju Unit*** *(1986 - Application Number 11716/85). Propriju f'dan il-kaz ir-rikorrent huwa biss 'squatter' li okkupa art tal-Gvern b'mod illegali, klandestinament u minghajr awtorizzazzjoni. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jivvanta minn xi possediment jew 'property right' fuq l-art inkwistjoni;*

*vii Hekk ukoll ir-rikorrent ma jista' jistrieh fuq ebda aspettattiva legittima. Jinsab mizmum li, "A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act. . ."* ***Gratzinger u Gratzingerova vs. lr-Repubblika Ceka*** *(2002), b'dana li jekk dan jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Fil-kaz taghna r-rikorrent ma jista' jiggranfa mal-ebda aspettattiva legittima ghaliex ir-rikorrent kien jaf jew messu kien jaf li huwa bil-ligi Maltija ma setax jikseb u jiehu art li hija tal-Gvern. Isegwi li r-rikorrent m'ghandux possediment li jixraqlu protezzjoni taht il-**Konvenzjoni Ewropea**;*

*viii Illi bla hsara ghall-premess skont* ***l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea,*** *l-lstat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali. F'dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-lstat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghal harsien tal- interess generali;*

*ix. F'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-**artikolu 2115 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jinsab imsejjes fuq ragunijiet ta' interess pubbliku sabiex il-Gvern Malti li fl-ahhar mill-ahhar jirrapprezenta lill-poplu Malti ma jitlifx art pubblika a skapitu ta' persuni li bil-mohbi ta' kulhadd u b'mod illegali jaqbdu u jakkapparraw hwejjeg li mhumiex taghhom. F'din il-qaghda minhabba l-volum kbir ta' art pubblika li tinsab amministrata mill-Gvern mhuwiex possibbli ghall-Gvern li jkollu kontroll kontinwu u vigilanti tal-proprjetajiet kollha tieghu (kuntrarjament ghall-privat). Ghalhekk huwa logiku li l-Gvern fl-istess generali tal-polplu Malti zamm ghalih il-jedd li ma jitlifx art pubblika abbazi tal-usucapionem;*

*x. Ghalhekk anke fuq dan l-assunt il-kwistjoni konvenzjonali sollevata mir- rikorrent ma hijiex wahda misthoqqa;*

***Dwar l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

*i. Illi dan l-artikolu jista' jigi invokat <u>biss</u> meta xi hadd ikun irid iwaqqa' xi ligi fuq raguni li ma tkunx imsejsa fuq inkonsistenza mal-jeddijiet fundamentali tal- bniedem kif imharsa fl-**artikoli 33** sa **45 tal-Kostituzzjoni**;*

*ii. F'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed isostni fir-rikors tieghu li l-**artikolu 2115(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta** ma jiswiex ghax huwa inkompatibbli mal-jeddijiet tieghu tal-proprjeta u tal-harsien minn trattament diskriminatorju. Ladarba ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni unikament fuq inkonsistenzi ma' artikoli li jinkwadraw fl-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni**, dan ifisser li huwa ma jistax jinqeda bid-dispost tal-**artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ;*

***Gheluq***

*Fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tqis ir-rikors tar-rikorrent bhala wiehed fieragh u vessatorju. Tassew ir-rikors huwa fieragh ghaliex l-ilmenti tar-rikorrent ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri legali u sostantivi tal-artikoli citati minnu stess. Mill-banda l-ohra l-istess rikors huwa wkoll vessatorju ghaliex huwa bil-bosta evidenti li dan ir-rikors huwa mahsub biss biex jaghti aktar zmien lir-rikorrent fl-okkupazzjont illegali tieghu;*

*Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad ir-rikors ta' Godwin Mifsud u ma taccettax l-istedina tieghu biex tikkonverti ruhha f'qorti ta' kompetenza kostituzzjonali u konvenzjonati, bl-ispejjez ta' dan l-incident jitbatew mill-istess rikorrent."*

Rat in-nota ta sottomissjonijiet ta' Godwin Mifsud ta' 26 ta' Frar 2016, a fol 51;

Rat id-decizjoni taghha tas-16 ta' Frar 2015, a fol 80 et seq;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**In-Nutar Andre Farrugia** xehed a fol 26 – 29 u a fol 41 - 45 illi huwa kien gie inkarigat mill-intimat Godwin Mifsud sabiex jaghmel xi ricerka fuq il-persuna li minghandha xtara art fil-limiti tas-Siggiewi, u cioe certu Baldacchino. Huwa kkonferma li ma kienx involut fil-pubblikazzjoni ta' l-ebda mill-kuntratti in kwistjoni.

Xehed illi huwa kien ra l-provenjenza tal-kuntratt tal-5 ta' Ottubru 1992 u ordna li jsiru ricerki fuq Francis Baldacchini minn 1966 sa 1992, u kkonferma li Baldacchino kien akkwista bicca art permezz ta' kuntratti separati matul is-snin u biegh parti minnha lil Mifsud.

**In kontro-ezami** a fol 45 – 48 xehed illi meta kien xtara Baldacchino **ma kienx hemm pjanti annessi mal-kuntratti** u intuzat pjanta biss meta Baldacchino kien biegh lill-intimat fl-1992. Ikkonferma illi bhala provenjenza huwa ma marx iktar lura mill-1966 peress illi n-Nutar li ppublika l-kuntratt tal-intimat irrefera ghall-kuntratt tal-1966 bhala l-ewwel xirja ta' art f'dik l-akkwati. Xehed ukoll illi huwa kien intalab jaghmel ezami komparattiv izda kien informa lill-intimat li hu ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dan. Qal illi meta kien gie mitlub jaghmel dan ma kienx gie informat li hemm xi pretensjoni mill-Gvern u ghalhekk ma kienx gie mitlub biex jikkompara t-titolu li l-Gvern kien qed jivvanta ma dak tal-intimat, izda xi ftit qabel ma xehed, kien gie informat u mitlub biex jaghmel dan. Huwa kkonferma li t-talba li kienet saret lilu mill-intimat, kienet biex jistabilixxi l-intimat in effett kien is-sid tal-art li xtara.

**L-intimat Godwin Mifsud** xehed a fol 30 – 31 illi huwa xtara u biegh l-art in kwistjoni wara li saru d-debiti ricerki, fejn in-Nutar mar lura tletin sena biex jaccerta ruhhu mill-provenjenza. Xehed illi hass ruhu diskriminat ghaliex il-Gvern kellu preskrizzjoni ta' erbghin sena filwaqt illi c-cittadin ordinarju kellu dak ta' tletin sena biss.

**In kontro-ezami** a fol 32 - 39 xehed illi huwa kien ihallas qbiela fuq sitt itmiem ta' art, izda imbaghad kien cedihom favur il-gvern. Mistoqsi dwar l-erbatax -il tomna l-ohra, xehed illi dawn qatt ma hallas qbiela fuqhom ghaliex xtrahom liberi u franki. Xehed ukoll illi ma jiftakarx jekk kienx ircieva xi korrispondenza rigward din l-art. Mistoqsi ghal liema kuntratt kienet qed issir referenza rigward l-ittra a fol 49, wiegeb illi dan kien il-kuntratt ippublikat minn Nutar Agius

permezz ta' liema kien akkwista l-art meritu tal-kawza. Ikkonferma wkoll illi l-ittra a fol 50 hija ittra responsiva mibghuta minnu permezz ta' liema sahaq mal-Gvern illi dik l-art kienet tieghu.

**Ikkonsidrat;**

Il-materja li ghandha quddiema din il-Qorti hija dik indikata fir-riferenza li saret lil din il-Qorti mill-intimati li ghamlu lanjanza illi huma qed isofru diskriminazzjoni leziva tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tat-12 il-Protokol tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Konvenzjoni) minhabba illi l-ligi ma tippermettiex illi tigi applikata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'azzjonijiet u ghalhekk ghalkemm l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jipprovdi ghal preskrizzjoni trentennali fejn jirrigwarda c-cittadin ordinarju, dan ma japplikax kontra l-Gvern ta' Malta. L-intimati allegaw ukoll illi huwa soffrew lezjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Protokol mhux indikat tal-Konvenzjoni minhabba n-nuqqas ta' opportunita illi jressaq eccezzjoni trentennali.

**Ikkonsidrat**;

L-Avukat Generali eccepixxa illi t-tqanqila kostituzzjonali hija intempestiva ghaliex l-intimati ghadhom ma wrewx li huma ilhom jokkupaw l-art mertu ta' din il-kawza ghal aktar minn tletin sena b'mod kontinwu, pacifiku, univoku u '*animo domini*'.

Il-Qorti tqis pero illi din l-eccezzjoni hija insostenibbli siccome l-azzjoni de quo hija ristretta biss ghal ezami tal-artikolu tal-ligi citati u jekk dan jilledix id-dritt tal-intimati li ma ssirx diskrimazzjoni kontra taghhom u ghad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq. Dan l-ezami m'huwiex dipendenti fuq il-**meritu** tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni avvanzata mill-intimati. **L-ghan li bih l-Prim'Awla tigi gwidata f'referenza Kostituzzjonali fir-rigward tal-validita tal-ligi, hu illi jigi <u>prevenut</u> il-ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem.** Ghalhekk jehtieg li l-Qorti tezamina bir-reqqa l-ligi li qed tigi impunjata u r-relazzjoni tal-istess ligi mad-drittijiet fondamentali garantiti lil kull persuna li tinsab taht il-guridizzjoni tal-Istat Malti. Ghalhekk, **galadarba l-ghan tal-procedura ta' referenza kostituzzjonali huwa wiehed preventiv u mhux sempliciment rimedjali,** huma ftit dawk is-sitwazzjonijiet fejn referenza kostituzzjonali tista' titqies li hija intempesitiva, u din certament m'hijiex wahda minnhom.

L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali qieghda ghalhekk tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-Avukat Generali eccepixxa wkoll illi l-ilment Konvenzjonali a bazi tal-Artikolu 14 ma jistghax jigi kkonsidrat peress illi ma giex abbinat ma jedd fondamentali iehor protett mill-Konvenzjoni.

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi:

> **"[t]*he enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status*"**

Huwa filfatt principju risaput illi l-Artikolu 14 **m'ghandhux ezistenza awtonoma** izda jista' biss jigi applikat in konnessjoni ma' dritt fondamentali iehor protett mill- Konvenzjoni Ewropea.[1] Filfatt, fis-sentenza **Marcks v. Belgium** deciza fit-13 ta' Gunju 1979 intqal illi:

> **"[a]*rticle 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has <u>no independent existence</u> since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions.*"**

Bl-istess mod, fis-sentenza **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. The United Kingdom** deciza fl-24 ta' April 1985 gie rrilvat illi:

> "**[a]*rticle 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.*"**

1 Ara per ezempju: **Botta v. Italy**, ECHR21439/93 deciza 24 ta' Frar 1998 u **Vilho Eskelinen v. Finland**, ECHR 63235/00 deciza 19 ta' April 2007.

It-tnax -il Protokol tal-Konvenzjoni fl-istess manjera, ma jaghtix **protezzjoni awtonoma** kontra d-diskriminazzjoni, ghaliex dan il-Protokol jipprojbixxi diskriminazzjoni fir-rigward ta' ***"enjoyment of any right set forth by law."***

Il-Qorti rat illi l-ilment tal-intimati rigward l-Artikolu 14 m'huwiex abbinat ma xi dritt konvenzjonali iehor, izda inghata b'mod awtonomu. Ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq citata, it-talba tal-intimati a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni qed jigi respint.

**Ikkonsidrat;**

Illi dan m'huwiex il-kaz pero fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Filfatt is-sentenza fl-ismijiet **Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Frar 2002 tirritjeni:

> **"[f]*ilwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-ligijiet in generali, fl-effetti taghhom u fl-applikazzjoni taghhom (ez.minn ufficjali pubblici),*** *l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax ragjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wiehed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suggett ta' tutela taht l-Artikolu 14.*"

Fir-rikors promotur taghhom, ir-rikorrenti ilmentaw illi huma qed jigu diskriminati peress illi l-preskrizzjoni ma tistghax tapplika kontra l-Gvern filwaqt illi ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, kontra c-cittadin tapplika preskrizzjoni ta' tletin sena. Fir-risposta guramentata taghhom ghall-azzjoni intavolata mir-rikorrenti pero, **huma kienu ecceppew il-preskrizzjoni ta' ghaxar snin u mhux ta' tletin sena**. Illi nonostante dan, galadarba kemm il-preskrizzjoni decennali u kif ukoll dik trentennali ma jistghux jigu applikati kontra l-Gvern, il-Qorti ser tissorvola din id-divergenza u tghaddi biex tikkonsidrat l-meritu tal-lanzjanza Kostituzzjonali.

L-Avukat Generali eccepixxa illi l-Artikolu 45 ma jistghax jigi invokat minhabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 45(4)(a) tal-istess Kostituzzjoni li jipprovdi:

**"[i]s-*subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux jgħodd għal xi liġi safejn dik il-liġi tipprovdi - (a) għall-approprjazzjoni ta' dħul pubbliku jew fondi pubbliċi oħra*"**

Din l-eccezzjoni pero ma tapplikax fil-kaz odjern peress illi hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq kwistjoni **ta' dhul** jew **fondi pubblici** izda fuq kwistjoni ta' proprjeta immobbli. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-Avukat Generali eccepixxa wkoll illi l-Artikolu 45 m'huwiex applikabbli peress illi l-imgieba ilmentata mill-intimati ma gietx mixlija taht wahda mill-irjus tal-Artikolu 45(3) tal-istess Kostituzzjoni.

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm il-protezzjoni moghtija mill-Konvenzjoni hija pjuttost wiesgha, fis-sens illi l-lista tal- i*status* a bazi ta' liema hija projbita' d-diskriminazzjoni hija biss indikattiva, (mifhum li l-Artikolu jipprojbixxi diskriminazzjoni wkoll a bazi ta' '*other status*'), dan mhux il-kaz fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Filfatt, l-Artikolu 45(3) jiddefinixxi diskriminazzjoni b'dan il-mod:

> "[f]*'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti* ***attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru*** *li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.*"

Il-Qorti taghraf illi filfatt l-intimati ma bbazawx l-ilment taghhom fuq xi wahda mill-irjus jew kawzali enuncjati fl-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Di piu' l-agir ilmentat minnhom, bil-modd kif inhu mpost l-ilment, proprju jaqa' barra mid-definizzjoni ta' diskriminazzjoni provduta fil-Kostituzzjoni stess. Ghalhekk l-azzjoni taghhom ma tistghax tirnexxi.

Ghalqastant il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni 2(ii) tal-Avukat Generali hija fondatata u ghandha tigi milqugha.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati ilmentaw ukoll illi n-nuqqas ta' possibilita li jressqu l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kontra l-Gvern jilledi d-drittijiet taghhom garantiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-

Avukat Generali eccepixxa illi l-Artikolu 37 ma jistghax jaffetwa it-thadim tal-Artikolu 2115 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan fid-dawl tal-Artikolu 47(9).

L-artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi illi:

> “[e]*bda ħaġa fl-artikolu 37 ta’ din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta’ xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta’ Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f’dan is-subartikolu) u li ma -*
>
> *(a) iżżidx max-xorta ta’ proprjetà li jista’ jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;*
>
> *(b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista’ jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;*
>
> *(ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew*
>
> *(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta’ din il-Kostituzzjoni.*”

L-Artikolu 2115(2) tal-Kodici Civili kien fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962 u l-ilment tal-intimati ma jaqa' taht ebda wiehed mill-eccezzjonijiet ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 47(9). Ghalhekk, l-eccezzjoni numru 3 (ii) tal-Avukat Generali qed tigi milqugha.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati ilmentaw ukoll illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 2115(2) tal-Kodici Civili hija leziva tad-drittijiet taghhom hekk kif sanciti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

L-Avukat Generali eccepixxa permezz tal-eccezzjoni numru 3 (iv) illi dan l-artikolu ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz odjern peress illi l-Gvern **ma ha l-ebda proprjeta, la formalment u lanqas *de facto*, mill-intimati**. Il-Qorti tippreciza pero illi dan l-Artikolu ma jipprotegix lic-cittadin biss minn tehid abbuziv tal-proprjeta tieghu mill-Gvern **izda jipprotegih minn kull tip ta' agir jew mizura tal-Gvern li tolqot il-godiment pacifiku tal-proprjeta tieghu.**

Kif intqal fis-sentenza **Beyeler v. Italy** deciza fil-5 ta' Jannar 2000:

> "[a]*s the Court has stated on a number of occasions, Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: "t**he first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property**; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest.*"

Ghalhekk bil-caveat fuq indikat din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

L-Avukat Generali ressaq ukoll numru ta' eccezzjoni (3 (v) (vi) (vii)) li huma marbutin mal-kwistjoni tat-titolu tal-intimati. Il-Qorti tqis illi dawn l-eccezzjoni m'humiex proponibbli fic-cirkostanzi odjerni peress illi dawn imorru kompletament kontra n-natura ta' referenza kostituzzjonali, li kif inghad iktar il-fuq l-ghan taghha hi li tipprevjeni l-ksur ta' dritt fondamentali billi tigwida lil qrati ordinarji fir-rigward ta' kif ghandhom jiddisponu minn kwistjonijiet li jkunu quddiemhom b'tali mod illi jkunu konformi mal-obbligi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-Istat. Dan apparti illi meta ghad hemm kawza quddiem il-qrati ordinarji fejn qed jigi ezaminat id-drittijiet rispettivi tal-partijiet fuq l-art in kwistjoni, u f'liema kawza l-intimati producew kuntratt ta' akkwist il-validita ta' liema ma gietx impugnjata, hija piuttost prematura d-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali li l-intimati huma semplici *squatters.*

Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi li kieku kellha taccetta dawn l-eccezzjonijiet tkun qed tmur proprju kontra n-natura tal-procedura ta' referenza kostituzzjonali u ghalhekk l-eccezzjonijiet 3 (v), (vi) u (vii) qed jigu michuda.

L-Avukat Generali eccepixxa wkoll illi skont l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni l-Istat ghandu dritt li jwettaq dawk il-ligijiet li huma xierqa sabiex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali u f'dan il-kaz, l-Artikolu 2115 (2) jaqa' taht din l-eccezzjoni ghal protezzjoni provduta fl-istess artikolu peress illi huma msejjes fuq ragunijiet ta' interess pubbliku sabiex il-poplu Malti ma jitlifx art pubblika.

Il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija fondata. Ma jidher li hemm xejn leziv fl-artikolu 2115(2) tal-

Kodici Civili li huwa carament intiz sabiex jipproteggi proprjeta pubblika milli tigi ikkapparrata abbuzivament minn individwi a detriment tal-poplu Malta in generali, ghaliex wara kollox proprjeta tal-gvern m'hija xejn iktar hlief proprjeta tal-poplu. Di piu il-ligi tipprovdi rimedju ghal perzuni li xtraw il buona fede kontra min biegh b’titolu difettuz. Ghalhekk jidher illi l-ligi, filwaqt li tipprotegi l-interessi tal-poplu, tipprotegi wkoll lil dawk il-persuni li minghajr ebda mala fede jsibu ruhhom fil-pussess ta' proprjeta pubblika, mill-liema l-Gvern ghandu kull dritt illi jizgumbrahom f'tutela tad-drittijiet u l-interess tal-poplu in generali.

Ghalhekk il-Qorti tqis l-eccezzjoni 3 (viii) hija fondata u qed tigi milqugha.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati ressqu wkoll pretensjoni a bazi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Pero kif sewwa gie eccepit mill-Avukat Generali dan l-Artikoli huwa applikabbli biss fir-rigward ta' ilmenti illi m'humiex imsejsa fuq l-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk galadarba l-intimati ressqu ilmenti biss a bazi tal-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 116 m'huwiex applikabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet numru 1, 3(v), 3(vi) u 3(vii), tilqa' l-eccezzjonijiet numru 2 (ii), 3(iv) u 3 (viii) u 4 tal-Avukat Generali u tichad it-talbiet kollha tal-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**